TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

George Scicluna

vs

George, Joseph and Peter Grech

CCTG5/2016

23 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Marzu 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta €1200, prezz ta' linfa mixtri minghand il-konvenuti, liema linfa gratilha hsara u bdiet titqaxxar sena jew sena u nofs wara li nxtrat.

Ra r-risposta tal-intimati fejn eccepew illi t-talba tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u l-hsara li kien hemm fil-linfa kienet dovuta ghall-fatt illi ma kenitx imnaddfa u li kienet tinstab go kamra umduza u maghluqa.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi fis-27 ta' Frar 2014, ir-rikorrent xtara minghand il-konvenuti linfa bil-prezz ta' elf u mitejn Euro. Din il-linfa giet installata mill-istess konvenuti izda wara xi sena jew ftit iktar, ir-rikorrent induna xi tikek bojod fuq in-naha ta' fuq tal-linfa. F'Ottubru jew Novembru 2015, ir-rikorrent kellem xi hadd mill-konvenuti li ghal bidu deher li qed jissimpatizza mar-rikorrent. Il-konvenuti kkomunikaw mas-supplier taghhom barra minn Malta li pero' ma refax responsabbilta' u ghalhekk il-konvenuti ma riedux jiehdu responsabbilta' tal-hsara li kien hemm fuq il-linfa u gabu bhala skuza illi l-linfa ma kenitx qed titnaddaf jew inkella kienet qed titnaddaf b'mod aggressiv jew b'mod mhux adegwat.

Illi min-naha tal-konvenuti mhumiex qeghdin jikkontestaw il-fatt illi l-fatt nxtrat minghandhom. Lanqas mhuma jikkontestaw il-hsara illi ghandha l-llinfa. Ighidu biss illi peress illi l-hsara qieghda fuq in-naha ta' fuq, jista' jaghti l-kaz illi ma kenitx imnaddfa kif suppost. Ighidu illi ghandhom diversi linef ta' dak it-tip izda kien dak tar-rikorrent illi gratlu l-hsara. Ighidu illi minkejja illi kkommunikaw mas-supplier taghhom, dan qalilhom illi darba l-linfa inharget minn gol-kaxxa, ma kellux aktar kontroll fuq dak li jsir minnha u ghalhekk ma kienx ser jerfa' r-responsabbilta. Il-konvenuti jghidu wkoll li minhabba f'hekk ma jaghtux garanzija fuq dawn il-linef.

Ikkunsidra

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi r-rikorrent xtara il-linfa in kwistjoni minghand il-konvenuti bil-prezz ta' €1,200. Huwa pacifiku wkoll illi wara xi zmien din il-linfa bdiet titqaxxar u dan gie riskontrat mill-konvenuti li ghall-ewwel kienu qeghdin jissimpatizzaw mar-rikorrent izda meta s-supplier taghhom irrifjuta li jerfa' responsabbilta' l-konvenuti hasslu idejhom u allegaw diversi ragunijiet ghal x'hiex din il-linfa bdiet titqaxxar. Qalu wkoll li l-bejgh ma kienx soggett ghal garanzija.

Ikkunsidra

Illi minkejja li fuq l-ircevuta tal-bejgh ma hemmx miktub terminu ta' garanzija ma jfissirx b'daqshekk illi l-konvenuti bhala bejjiegha huma mehlusa mill-garanzija statutorja li taghti l-ligi. Illi l-artikolu 1378 ighid "il-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha. L-artikolu 1409 tal-Kodici Civili imbaghad ighid fost affarijiet ohra "ghalkemm fil-kuntratt tal-bejgh ma tkunx giet miftiehma l-garanzija, l-bejjieh ghandu de jure jaghmel tajjeb lix-xerrej ....",

Illi fil-kawza fl-ismijiet Benjamin sive Benny Muscat vs Joe Cauchi deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, nghad illi

"Biex venditur ikun mehlus mill-ghoti ta' garanzija lix-xerrej ghall-vizzji okkulti, tali ftehim ikun irid jirrizulta b'mod cert u univoku tenut kont tac-cirkostanzi u tal-fatti speci partikolari tal-kaz. Certament, is-semplici inkluzjoni tal-frazi tale quale f'kuntratt ta' bejgh m'huwiex sufficjenti per se biex jehles min-naha l-ohra dan l-effett tal-frazi lanqas jista' jigi eskluz a priori."

Fis-sentenza Dorianne Bartolo Vella vs Industrial Motors Ltd deciz fis-26 ta' Jannar 2005, nghad illi

"biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali, jehtieg li jkun hemm ftehim car li juri dik illimitazzjonili biha jkunu kuntenti z-zewg partijiet. Il-fatt li

fuq id-dokument ikunu mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma hux bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkustanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanizja ghal dak biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanzija
legali .....

Ma hemm l-ebda prova li l-partijiet kienu ftehmu illi f'dan il-bejgh tigi eskluza l-garanzija statutorja fuq imsemmija. Ghalhekk minkejja dak illi qalu l-konvenuti, dan il-bejgh xorta kien soggett ghal garanzija.

Ikkunsidra

Dana nghad irrizulta illi wara xi xhur din il-linfa bdiet titqaxxar u minkejja li l-konvenuti allegaw diversi ragunijiet kif dan seta' sar, l-ebda wahda minn dawn l-allegazzjoni ma giet ippruvata u l-anqas ma rrizulta xi uzu aggressiv jew inadegwat min-naha tar-rikorrent. Ghalhekk dak illi qalu l-konvenuti jibqghu biss spekulazzjonijiet mhux ippruvati fejn allura jibqa' biss il-fatt li ghal xi raguni mhux imputabbli lir-rikorrent, din il-linfa gratilha l-hsara. Huwa inutli ghal konvenuti li jgibu l-iskuza li s-supplier taghhom ma riedx jerfa' responsabbilta'. Kienu huma illi bieghu il-linfa, kienu huma li rcevew il-flus u kwindi huma obbligati li jikkunsinnaw l-oggett u jaghtu l-garanzija fuq imsemmija. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghandu ragun. Il-linfa kellha diffett illi ma deherx fil-bidu nett tal-bejgh u ghalhekk ghandu jitqies bhala latenti u ta' responsabbilta' tal-konvenuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lil konvenuti illi jirrifondu s-somma ta' elf u mitejn Euro lir-rikorrent bi dritt tal-konvenuti li jiehdu lura il-linfa wara li jsir l-imsemmi hlas. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**